# MAD-DAQQ TAT-TNABAR

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Mad-daqq tat-tnabar huwa l-isem ta’ waħda minn serje ta’ taħditiet animati fis-**Sensiela Serati Mużikali** li kienu jsiru fis-sala ewlenija tal-Każin Banda San Ġiljan A.D. 1927, u li fiha kienu ħadu sehem għadd ta’ allievi mill-banda tal-post u oħrajn. Dawn is-serati kellhom l-għan li jedukaw lill-udjenza biex tagħraf tapprezza aħjar l-arti mużikali fil-forom kollha tagħha. Dawn kellhom direzzjoni artistika u preżentazzjoni ta’ Mro. Manoel Pirotta, li huwa wkoll Surmast Direttur tal-istess Banda.

Kliem muftieħ: Glockenspiel, Ksilofonu, Vibrofonu, Żittru, Qniepen, Timpanu, Steel drum, Katuba, Platti, Tanbur, Gong, Żavżava, Tamborlin, Trijanglu, Kastanjoli, Woodblock, Bongo, Conga, Ċimblu, Għaqda Mużikali Sant’ Anna Wied il-Għajn, Banda San Ġiljan

**DAĦLA**: Ħadd ma jaf sewwa meta twieldet il-mużika, u wisq anqas min kien dak li ivvinta l-ewwel strument mużikali. Li nafu żgur huwa li, l-istrumenti tal-perkussjoni huma fost l-eqdem mill-istrumenti mużikali kollha, b’uħud minnhom jmorru lura saż-żerniq tal-ġrajja umana meta dawn l-istrumenti kienu jindaqqu waqt xi żifna jew ritwal, biex jintbagħat xi sinjal, jew issir gwerra. Donnu li d-daqq tat-tnabar kien minn ewl id-dinja - biżżejjed wieħed iqalleb ftit fil-kotba bibbliċi tal-Antik Testment, jew xi kotba oħra tal-istess xeħta. Fil-fatt, dawn l-istrumenti minn dejjem kienu popolari fil-kontinenti tal-Asja u l-Afrika, b’uħud minnhom isibu triqthom lejn l-Ewropa fi tlitt epoki differenti tal-istorja. Ngħidu aħna, kienu l-Kruċjati fil-Medju Evu li ġabu magħhom it-timpani fl-Ewropa. Matul is-Seklu 18 imbagħad, il-popolarità tal-*mużika turka* fl-armati ewropej ġabet magħha firxa aktar wiesgħa ta’ strumenti tal-perkussjoni. U mill-Ewwel Gwerra Dinjija ‘l hawn, l-influwenza tal-mużika Amerikana tas-Suwed fis-swali taż-żfin kompliet tkabbar l-għadd ta’ dawn l-istrumenti. Ironikament, għalkemm l-istrumenti tal-perkussjoni huma membri ta’ familja strumentali ferm antika – jekk mhux ukoll l-eqdem waħda, kienu l-aħħar nies li sabu posthom mal-bqija tal-istrumenti l-oħra fl-orkestra moderna! Ħafna mill-mużika għall-perkussjoni nkitbet minn kompożituri tas-Seklu 20.


*A 17th-century Mounted Drummer*


*The 18th-century Military Side-drum*




(Fl-istampa tax-xellug niltaqgħu ma’ wieħed minn dawn in-nies tal-għerien, li ma nafx x’fettillu u ddeċieda li jaqbad jitlaq minn mal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta’ pajjiżu biex jilħaq mużiċist *freelancer*!)

Il-**FAMILJA**: Meta ngħidu strument tal-perkussjoni nkunu qedin infissru wieħed minn dawk l-istrumenti li jindaqqu meta d-daqqâq jagħti daqqa fuq il-wiċċ tagħhom. Dan jista’ jagħmlu jew (a) billi jagħti b’idu, bis-swaba’, jew b’xi parti oħra ta’ ġismu, jew (b) b’xi stikka (hemm ħafna tipi – ara stampa lemin), jew (ċ) billi jħabbathom ma’ xulxin. L-istrumenti tal-perkussjoni jistgħu jinqasmu f’żewġ gruppi kbar: Grupp A huwa magħmul minn dawk l-istrumenti li jistgħu jintonaw nota jew aktar u allura għandhom ħila jdoqqu xi forma ta’ melodija bħal ngħidu aħna, TIMPANI, *STEEL DRUM*, *GLOCKENSPIEL*, *CELESTA*, KSILOFONU, VIBROFONU, *MARIMBA*, QNIEPEN TUBULARI. Grupp B jiġbor fih dawk l-istrumenti kollha li jagħmlu ħoss biss, u allura qedin hemm biex jagħmlu l-istorbju



fejn meħtieġ, jew aħjar minn hekk, biex jżommu r-ritmu, li huwa wieħed mit-tlett elementi l-aktar importanti fin-nisġa ta' kull biċċa xogħol mużikali. Ħafna mill-membri ta' dan il-grupp kbir huma tista' tgħid tnabar ta' kull għamla u daqs, u li jkollhom il-wiċċ tagħhom miksi bil-ġild stirat: KATUBA, TANBUR, TANBORLIN, BONGO, TOM-TOM, ŻAVŻAVA. Hemm oħrajn imbagħad, magħmulin mill-metall: PLATTI, GONG (jew TAM-TAM), TRIJANGLU, *SLEIGHBELLS*, jew mill-injam: *WOODBLOCK*, KASTANJOLI, FROSTA, ĊUQLAJTA, *MARACAS*, *CLAVES*, *GUIRO*. Fil-fatt, dawn it-tip ta' strumenti ma jispiċċaw qatt għax magħhom nistgħu nżidu kanuni, tajprajters, ħornijiet, sireni, sfafar, qniepen kbar u żgħar, inkwini, ktajjen, sa ħġieġ jinkiser u tankijiet taż-żejt vojta!



Fil-fatt, huwa ferm faċli biex wieħed joħloq strument tal-perkussjoni għalih. Ngħid għalija, meta kont żgħir ħafna, niftakarni kont noħroġ it-twaġen, il-kzazel u l-borom kollha, u bil-għotjien tagħhom b'kollox mill-armadju tal-kċina u kont inqatta' s-sigħat sħaħ inħabbat u nsabbat, u ma kontx nieqaf qabel ma naqla' xi għajta tal-*beate pauli* mingħand ommi biex niskot. U jekk mhux fuq l-utensili tal-kċina kont narma nħabbat ħafif bil-ponn fuq ġenb il-gwardarobba, li d-diwi tagħha għandu mill-ħoss kbir u fond tal-katuba, u nqattagħlek nofstanhari sħaħ inkanta dawk li fil-fehma tiegħi kienu jidhru marċi brijużi aktar milli funebri, bil-vuċi waħdanija tiegħi tipprova tlaħħaq mal-melodija u l-kuntrakant li nkun ħloqt jiena stess fl-istess waqt! Ommi miskina kienet tieħu ħafna paċenzja bija għax ma kenitx temmen fl-aspirini għal kontra l-uġigħ tar-ras! Kienet temmen biss li xi darba għad tarani nħabbat il-katuba mal-banda tar-raħal. Minflok, ħriġt indoqq bil-klarinett itwal minni! (ready scans) (Fir-ritratt nidher jiena fuq il-bejt ta' nannti bil-partitura oriġinali taħt abti!)



PL. 23. *A One Man Percussion Band* (*Percussion*—p. 102)

Intant, jekk wieħed ikun irid jisma' ftit dawn l-istrumenti x'kapaċi jinsġu bejniethom, nissuġerixxi l-aħħar varjazzjoni (immarkata *Moderato*) minn sensiela ta' 13-il waħda, u li tiġi eżatt qabel il-fuga tal-aħħar, minn *The Young Person's Guide to the Orchestra* Op. 34 tal-kompożitur ċelebri ingliż Benjamin Britten. Fiha hemm jieħdu sehem mhux anqas minn 11-il strument tal-perkussjoni: timpani, katuba u platti, tamborlin u trijanglu, tanbur u *woodblock*, silofonu, kastanjoli u gong, u frosta! (Fir-ritratt: illum qajla għadek ssib wieħed kapaċi jdoqq l-istrumenti tal-perkussjoni kollha f'daqqa waħdu!)

Xi strumenti tal-perkussjoni minn GRUPP A:




Tajjeb li ngħidu li, fil-każ ta' dawn l-ewwel sett ta' istrumenti tal-perkussjoni wieħed irid ikun jaf jaqra n-noti bħal fil-mużika għall-pjanu, jew talanqas, fil-kjavi tal-vjolin. Hemm min imbagħad, jirnexxilu wkoll idoqqhom bil-widna – dak li aħna ngħidulu bl-udit.

Il-***GLOCKENSPIEL***: li bil-Ġermaniż tfisser *mota qniepen*, jikkonsisti fi 30 żbarra tal-metall mhux kollha tal-istess tul u mqegħdin bħal f'tastiera tal-pjanu li jipproduċu noti differenti meta jintlaqtu minn żewġ imrietel ħfief bir-ras ta' gomma ratba jew iebsa, tal-injam jew metall. Il-ħoss tiegħu huwa wieħed brillanti u fiddien.

Il-**KSILONFONU**, jew silofonu, li bil-Griek tfisser *ħoss l-għewied*, jixbah lill-*Glockenspiel* bid-differenza imma, li hu mgħammar b'ringiela ta' listi tal-injam ta' tulijiet differenti, u b'riżonatur taħthom biex jagħni u jsostni l-ħoss. Jindaqq billi taħbtu b'żewġt imrietel żgħar speċjali.

Il-**VIBROFONU:** strument li jaħdem bid-dawl u li jixbah ukoll lill-*Glockenspiel* peress li għandu sensiela ta' vireg tal-metall, li meta taħbathom ħafif, jagħtu ħoss qawwi li jdum jidwi. Dan għaliex taħt kull

virga hemm riżonatur, b'fann żgħir li jdur bl-elettriku, u li jġiegħel 'ill-ħoss jivvibra b'mod sabiħ u melliesi.

Iż-**ŻITTRU**, għalkemm jidher fl-istampa ta' hawn fuq, hu aktar strument tal-korda milli tal-perkussjoni peress li għandu għadd ta' kordi stirati fuq speċi ta' kaxxa mbewqa bħal żaqq il-kitarra, u jindaqq bis-swaba' jew bi plettru u mhux billi tħabbat fuqu. L-istess jista' jingħad għad-**DULCIMER**, li huwa xorta ta' ċimblu li ġej forma ta' trapeżojd u għandu tagħmira ta' kordi li wkoll jindaqq bil-mazzarelli.

Il-**QNIEPEN** huma magħmulin minn għadd ta' kanen azzarjati li bejniethom jkopru l-iskala kromatika. Dawn il-kanen ikunu mdendlin minn rashom b'qafla li tgħaddi minn ġo ganċ ma' fuq tal-qafas kbir tal-injam. Naturalment, biex jinġarru huma xi ftit tqal. Jindaqqu billi tolqot fuqhom fin-naħa ta' fuq tagħhom b'mazza żgħira bir-ras aktarx tal-injam. Jintużaw l-aktar għall-effet drammatiku u mlewwen tagħhom biex jagħtu l-impressjoni ta' qniepen tal-knisja bħalma nsibu fl-overtura 1812 ta' Tchaikowsky.



Il-qniepen ifakkruni wisq fi tfuliti meta kont niġi mqabbad b'mod volontarju mill-kumitat tal-banda tar-raħal fejn kont twelidt biex indoqqhom waqt li l-għarajjes ikunu deħlin il-knisja għall-quddiesa tat-tieġ. U hemmhekk ridt tarani fil-bieb tal-knisja f'xi għaxija xitwija, pjazza baħħ u r-riħ ivenven, nitla' fuq ponot subgħajja, u bil-martell tal-injam f'idi nikser is-skiet bid-daqq ripetut tal-iskala tad-Do Maġġuri: *Do – si – la - sol – fa –mi – re – do*. U malli l-għarusa titfaċċa fil-bieb tal-knisja indoqqhila l-*Here comes the Bride*. Imma l-qniepen ifakkruni wkoll fis-*solo* ta' *Bells Across the Meadows* (jew Qniepen min-nofs il-Bwar) ta' Albert W. Ketèlbey, silta mużikali popolari ħafna fost il-baned Maltin. Jgħidu li dan il-kompożitur kien ispirat mid-daqq tal-qniepen tal-knisja waqt li kien fuq btala fil-gżira Għawdxija. (L-istampa turi sitwazzjoni partikolari li sab ruħu fiha wieħed raġel wara li żżewweġ!)




It-**TIMPANU**: Jekk wieħed iqalleb fil-miklem malti għandu mnejn isib xi ftit tad-diżgwid f'dak li għandu x'jaqsam mat-tifsira tal-kelma. Ibda biex, tímpanu (pl. timpani) [qed nixħet l-aċċent tal-kelma fuq l-ittra *i* apposta għax hekk għandha titleħħen il-kelma] u mhux timpana, dak l-għaġin/mqarrun imqatta' u mħawwar b'laġam kapuljat, bajd, ġobon, kunserva tat-tadam u x'naf jien u miksi b'biċċa għaġina u moħmi l-forn! Issa, id-definizzjoni li jagħtina Mario Seracino-Inglott, fid-*Dizzjunarju Malti u teżawru ta' malti mħaddem* sfortunatament mhix korretta meta jgħidilna hekk: platt tar-ram kbir f'banda/orkestra li ma' ieħor bħalu jissejħu zinnatati/platti, u li timpanist huwa allura daqqâq tal-platti/zinnatati. Mill-banda l-oħra, Joseph Aquilina, fil-*Concise Maltese English – English Maltese Dictionary* jagħtina t-traduzzjoni t-tajba tal-kelma: *timpano* jew *kettledrum*.






It-timpanu, li huwa l-uniku strument tal-familja tat-tnabar li għandu ħila jintona noti differenti, huwa bħal kaldarun kbir tar-ram ġej f'għamla ta' kitla maqluba rasha 'l isfel minn dawk li konna nixħtu fuq xi spiritiera biex jitgħalla l-ilma għal xi kikkra kafé jew té sħuna! Il-wiċċ tiegħu huwa magħmul mill-ġild tal-annimal jew materjal ieħor sintetiku bħalma hu l-plastik, u jintona ruħu billi tħoll jew tissikka il-vireg li jkun hemm mad-dawra tiegħu permezz ta' muftieħ apposta. Illum il-ġurnata, it-timpanu jagħmel użu minn pedala tas-sieq li tkun immarkata b'kemm għandha titla' jew tinżel nota partikulari, mingħajr il-bżonn ta' aspetti biex wieħed joqgħod jintonah manwalment. Għadd ta' baned għandhom minn par sa sett ta' tliet timpani. F'orkestra għandek imnejn issib aktar.

Jindaqq permezz ta' par mazzarelli. Dawn ikollhom it-tarf tagħhom miksi bil-pannu, sponża, sufra, jew tip ta' injam. (Fir-ritratt: Ara x'kien jiġri qabel meta kien ikollhom ħafna aspetti!)

***STEEL DRUM***: Dan it-tip ta' tanbur fil-fatt mhu xejn għajr tank taż-żejt vojt li jkollu tarf wieħed imgħattan u maqsum f'diversi sezzjonijiet biex jinħolqu noti differenti. Dik il-banda ta' mużiċisti li jdoqqu fuq dawn il-krietel tissejjaħ *Steel Band*.

Xi strumenti tal-perkussjoni minn GRUPP B:

Ħafna dilettanti tal-banda jafu li waqt id-daqq tal-marċi fit-toroq dawn kollha jinbdew bi tliet kolpi ripetuti fuq il-katuba u l-platti, akkumpanjati minn roll fuq it-tanbur. Imma forsi ftit jafu li din id-drawwa ddaħħlet f'Malta minn Mro. Gregorio Lucia[1] bħala sinjal li l-marċ ikun wasal biex jibda, kemm għan-nies li jkunu mexjin mal-banda, kif wkoll għall-istess bandisti! Hemm imbagħad, iż-żewġ kolpi ġo xulxin fuq il-katuba bħala sinjal lill-bandisti li mgħandhiex issir ir-replika u għaldaqstant, il-marċ għandu jieqaf fi tmiem it-taqsima li jkun wasal fiha. Dan jiġri meta s-Surmast jiddeċiedi li għal xi raġuni jew oħra l-marċ għandu jieqaf ħesrem minħabba xi ħaġa aċċidentali. U la qedin fiha, hija wkoll drawwa li l-innu malti jibda b'roll fuq it-timpani bħala sinjal lill-udjenza biex tqum qabel id-daqq tiegħu. Ġieli tingħata wkoll korda fil-bidu, imma din tindaqq biss meta l-innu jkun ser jitkanta.



PL. 24. *An early nineteenth century Military Drummer (The Bass Drum—p. 105)*

Il-**KATUBA**: Hija l-akbar fost it-tnabar kollha u tiġi f'diversi daqsijiet - dik li tintuża waqt xi marċ hija iżgħar fid-daqs minn waħda li tintuża waqt xi kunċert minn orkestra jew banda sinfonika fejn il-ħoss tagħha jkun aktar mfannad. Din tkun magħmula minn qoxra rqiqa tal-injam li jservi ta' qafas kbir u tond u b'żewġ iġlud stirati fuq kull naħa. Illum il-ġurnata, tista' tgħid li l-baned kollha maltin ivvintaw karru bir-roti biex titqiegħed fuqu, u b'hekk tkun tista' tinġarr waqt li tindaqq mingħajr taħbit xejn. Ġieli wkoll, jagħmlu kexxun fin-naħa t'isfel tal-karru biex fih jitqiegħdu l-libretti kollha. Għad-daqq tal-katuba tintuża stikka mill-kbar, imma waqt xi kunċert orkestrali/bandistiku ġieli jintużaw il-bsaten, jew mazzarelli, għalbiex ikunu jistgħu jsiru r-rollijiet fuqha. Xogħol il-katubier huwa wieħed ta' responsabbiltà kbira, speċjalment waqt xi marċ, għax huwa hu li jrid iżomm it-temp it-tajjeb mingħajr ma jobormu.




Il-**PLATTI**: Huwa minnu li platt jista' jkun reċipjent ċatt/fond u tond li jitqiegħed fih l-ikel biex jittiekel bħalma nsibu fil-ħrafa tal-għarnuq u l-volpi ta' Esopu. Fil-każ tagħna imma, ikollna nħallu ftit l-ikel ifuħ fil-ġenb għax dawn il-platti jikkonsistu f'żewġ diski kbar u ċatti tar-ram (jew metal imħallat) bin-nofs tagħhom ftit ibbuzzat 'il barra, u toqba minfejn joħroġ maqbad tal-ġild li jintlibes mal-pala tal-id f'forma ta' ponn. Meta jitħabbtu flimkien bis-saħħa jew bil-mod jagħmlu ħoss kbir, mimli u sabiħ. Hemm imbagħad, pjatti oħrajn li jistgħu jiddendlu min-nofs tagħhom u jindaqqu bi stikka ta' tanbur jew tal-pannu. Jintużaw l-aktar f'waqtiet meta l-orkestra/banda tkun għaddejja fl-aqwa tagħha fejn il-mużika bħal donnha tkun trid tilħaq il-qofol tagħha. (Fir-ritratt: flimkien mal-qniepen u s-silofonu, jidhru wkoll il-platti biex wieħed ikollu idea ta' kif iridu jinżammu biex jindaqqu, u l-gong, li tfakkarna wisq fil-mużika orjentali).




It-**TANBUR**: għandu forma tonda b'żewġ naħat ċatti miksija b'ġilda stirata li fuqha jingħataw daqqiet ta' par bsaten bl-irwajsa. Għalkemm l-għamla tiegħu ċilindrika tixbah ħafna lil dik tal-katuba, id-daqs tiegħu tiegħu huwa wieħed żgħir. Fil-mużika medjevali, il-flejguta wit-tanbur, li kien jiddendel

---

[1] Mro. Gregorio Lucia kien inġieb mill-Italja biex imexxi lill-Banda *La Valette* bħala Surmast Direttur. Huwa kien ġie flimkien ma' inbu Ettore bl-orkestra tagħhom u dam imexxi din il-banda għal 10 snin sħaħ bejn is-snin 1900-10. Kien l-ewwel Surmast Direttur barrani minn sensiela ta' ħames maestri Taljani li mexxewha sa l-1935, u li ma kenitx għas-sitwazzjoni politika internazzjonali ta' dak iż-żmien, il-Banda *La Valette* kien ikollha aktar minnhom wara wkoll.

normalment minn mal-ispalla, kienu jindaqqu flimkien mill-istess daqqâq. Illum il-ġurnata, tanbur ikun aktarx magħmul minn ċilindru tal-metall ħafif. Dan jitqiegħed immejjel fuq ġenb wieħed u jindaqq b'par stikek irqaq tal-injam. Fuq naħa waħda jkun mgħammar b'sett ta' wajers irqaq (*snare*) li għandhom mill-ħoss tas-sriep. (Fir-ritratt jidhru l-katuba u t-tanbur, flimkien mal-mazzarelli u l-istikek li bihom dawn iż-żewġ strumenti jindaqqu).

Il-**GONG**: dan l-istrument qisu bħal platt kbir tal-bronz u bit-tarf tiegħu milwi 'l ġewwa biex ix-xifer ma jivvibrax. Il-ħoss tiegħu jaf ikunlek misterjuż meta kemm kemm tmissu, imma meta tħabbat bil-qawwi fuqu jew tibni xi roll, il-ħoss tiegħu jibda jiġma' tant, li jilħaq dimensjoni drammatika, jekk mhux ukoll tat-tkexkix.

Iż-**ŻAVŻAVA**: Hawn xtaqt ninkludi strument tradizzjonali malti: dan kien ikun magħmul minn xi ġarra tal-fuħħar. Fin-naħa l-miftuħa kien jiġi stirat u marbut ġild imnixxef, preferibbilment ta' qattus (il-ġilda tiegħu hija waħda tiġġebbed), għalkemm ġlud ta' annimali oħra kienu jintużaw ukoll. F'nofs dan il-ġild kienet tintrabat qasba twila xi metru. Il-ħoss joħroġ meta d-daqqâq kien ixarrab il-pala tal-id bl-ilma u jżerżaqha mat-tul tal-qasba. Dan l-għerik ħafif joħloq vibrazzjoni fil-ġilda li b'hekk twelled il-ħoss stramb u forsi vulgari li jixbah 'il dak ta' meta wieħed jitfa' xi riħ żgħir bil-ħoss u bla riħa minn wara!

Xi strumenti oħra minn dan l-istess grupp:

IT-**TAMBORLIN**: Tanbur żgħir (mit-Taljan *tanburlino*) Dak li bl-Ingliż insejħulu *tambourine*. Jikkonsisti f'qafas tond tal-injam b'dijametru li jvarja bejn 30 u 60 ċentimetru u bejn 8 u 10 ċentimetri għoli. Fin-nofs ta' dal-qafas tal-injam, mad-dawra kollha, jittaqbu għadd ta' toqob tawwalin li fihom jitwaħħlu ċimbli ċkejnin. Qniepen żgħar jissammru wkoll max-xifer tat-tondjatura waqt li n-naħa l-oħra jintrabat ġild imnixxef. Dan l-istrument tradizzjonalment jindaqq l-aktar bit-truf tas-swaba'.




It-**TRIJANGLU**: Ismu miegħu, għax għandu forma ta' trijanglu, jew tliet angoli magħluqa bi tlitt iġnieb. Dan ikun magħmul minn virga tal-azzar fil-forma trijangolari u b'kantuniera minnhom titħalla miftuħa. Biex jindaqq irid ikun imdendel ma'xi leġiju jew jinżamm bi spaga f'id il-waħda u bl-oħra jiġi maħbut b'virga tal-metall. Il-ħoss tiegħu huwa tabilħaqq penetranti, irqiq, imma m'għandux nota fissa.

Il-**KASTANJOLI**: Fis-singular, il-kelma *nakkra* tfisser xorta ta' arzella ta' kwalitajiet diversi wħud minnhom fihom ukoll il-ġawhar. Imma fil-plural, *nakkri*, hija kelma oħra għal kastanjoli li għandhom għamla ta' ħabbâta żgħira tal-injam u tindaqqu billi jinżamm mat-truf tas-swaba' miż-żeffiena waqt xi żifna Spanjola.

Il-***WOODBLOCK***: Din hija sempliċiment blokka tal-injam b'xaqq li jgħaddi minn ġo fiha li joħloq ħofra ċkejkna fejn il-ħoss jista' jirbombja. Tindaqq b'par stikek tat-tanbur jew l-imrietel tas-silofonu. Hemm imbagħad ukoll iċ-*CHINESE* u t-*TEMPLE BLOCKS*, fejn tal-ewwel tagħti ħoss ta' taptip sottovoċi, filwaqt li l-oħra tagħmel l-istess, bid-differenza li n-nota tkun waħda fissa.

Il-**BONGO**: wieħed minn par ta' tnabar żgħar li jindaqq bis-swaba' u jinżamm bejn l-irkupptejn. Magħhom, ġieli jmur ukoll par **CONGAS**, ikbar fit-tul u d-daqs u li biex iddoqqhom trid toqgħod bilwieqfa jew bilqiegħda fuq xifer ta' banketta għolja.

**ĊIMBLU**: jew ċiklimbu. Għalkemm xi dizzjunarji jfissru dil-kelma bħala speċi ta' pjanu qadim, goff u forsi skurdat, li ma jkunx sod – dak li bl-Ingliż insejħulu *honky-tonk* jew pjanu bla pedali; fil-fatt hu strument li jindaqq bit-taħbit tal-imrietel fuq bċejjeċ żgħar tal-metall/ħġieġ/ċeramika, imwaħħlin fuq żewġ lasti.

Gheluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Skalin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant' Anna li qed tiġi ċċelebrata ġewwa ir-raħal marittmu ta' Wied il-Għajn.